MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1240/2002

**Michelle Paris f'isimha personali.**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 1988 fil-kawza bl-ismijiet "Edward Paris vs Direttur tar-Registru Pubbliku" li saret definittiva, giet ordnata l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' Edward Paris, cjoe` missier ir-rikorrenti, bin-numru 6272/1955, hawn anness u mmarkat fl-istat korrett tieghu bhala Dok. "A", billi fil-kolonni ntestati "Isem u Kunjom" rigward it-taghrif dwar il-genituri tat-tarbija u fil-kolonna ntestati "Isem u

kunjom il-Missier u jekk haj jew mejjet” rigward it-taghrif dwar missier it-tarbija, il-kunjom “Grech” jigi kkancellat;

Illi din is-sentenza giet ricevuta mill-Ufficju tar-Registru Pubbliku fis-27 ta’ Dicembru 1988 u saret il-korrezzjoni mehtiega fuq l-imsemmi att tat-twelid;

Illi b’digriet tat-2 ta’ Lulju 2002, il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Notarili ordnat il-korrezzjoni ta’ l-att taz-zwieg ta’ l-imsemmi Edward u Marie Consiglio Paris, li jgib in-numru 1005/1982 fis-sens illi fil-kolonna ntestata “Genituri tal-Mizzewgin”, il-kunjom “Grech” jigi kancellat, liema digriet gie ppublikat kif xieraq u suppost fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta Nru. 17, 264 tat-Tlieta 23 ta’ Lulju 2002;

Illi fuq l-att tat-twelid ta’ l-attrici li jgib in-numru 958/1984 u mmarkat bhala Dok.”B”, taht il-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” ghadu jidher il-kunjom “Grech”;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha u dan billi jigi kancellat il-kunjom “Grech” fil-kolonna ntestata “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier” u li fil-kolonna “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm” tigi kancellata l-kelma “Grech” u fil-kolonna ntestata “Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm” tigi kancellata l-kelma “Grech”.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta’ Frar, 2003 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:

1. L-esponent jaderixxi ruhu ghat-talba pero` tinhtieg korrezzjoni wkoll billi tigi kancellata l-kelma “Grech” fejn

hemm it-taghrif dwar l-omm ta' l-attrici u fl-ahhar kolonna ta' l-istess att fir-rigward ta' Edward Paris Grech.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 958/1984 m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 sa 17 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici tas-26 ta' Marzu 2003 li biha pprezentat l-affidavit taghha u ta' Edward Paris;

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-2 ta' April 2003 fejn permezz taghha irrizerva l-kontro-ezami tax-xhieda bl-affidavits, ta' Michelle u Edward Paris;

Rat il-verbal tal-llum 8 t'April 2003 fejn Dr. Nicola Camilleri, ghall-attrici, titlob li fic-Citazzjoni attrici, tizdied it-talba sabiex jinbidel ukoll il-kunjom ta' l-omm, billi fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-Omm" tigi kkancellata l-kelma "Grech". Il-Qorti tilqa` t-talba u Dr. Roma D'Alessandro, ghall-konvenut taghti ruhha b'notifikata bic-citazzjoni kif korretta u tirreferi ghall-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Michelle Paris *stante* li l-istess qed issostni li f'dan ic-certifikat isem missierha huwa ndikat bhala "Edward Paris Grech". Skond sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 1988, ic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attrici gie korrett billi fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom il-Missier u jekk haj jew

mejjet" rigward it-taghrif tal-missier, il-kunjom "Grech" gie kkancellat. Ghalhekk l-attrici qed titlob sabiex din il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' missierha, tigi riflessa fic-certifikat tat-twelid taghha stess.

Illi mid-dokumenti prodotti u li fil-fatt li lanqas biss huma kontestati, jidher li fic-certifikat ta' l-attrici, kunjom il-missier u kif ukoll ta' l-omm ta' l-attrici jridu jigu korretti fis-sens li l-kunjom "Grech" ghandu jigi kkancellat.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa` t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:-

1. Tordna lill-konvenut sabiex issir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Michelle Paris billi tigi kkancellata l-kelma "Grech" fejn hemm it-taghrif dwar il-kunjom tal-missier u ta' omm l-attrici.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' **l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' vera kopja tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**

**8 ta' April 2003.**

**Claire Attard.**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' April 2003.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**